**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 151/20/F

**Susan Galea**

*vs*

**Mohammed Nour Abdalla Aswed**

Illum, 2 ta' Ottubru, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-2 ta' Ottubru 2020;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-Intimat nhar it-23 ta' April 2021;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti;

Ra l-affidvits u dokumenti ppreżentati mir-Rikorrenti;

Ra li l-Intimat, għalkemm ippreżenta Risposta, ma deher fl-ebda seduta u ma ppreżentax provi;

Ra li fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2023, it-Tribunal iddikjara il-provi kollha tal-Partijiet magħluqa u ħalla t-Talba għas-sentenza;

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-Talba tagħha, ir-Rikorrenti qed titlob li l-Intimat jiġi kkundannat iħallasha lura s-somma ta' elf Euro (€1,000) li hija kienet ħallsitu sabiex jagħmel xogħol ta' *membrane* fuq is-saqaf tar-residenza tagħha. Tilmenta li xogħol ma sarx sewwa u minħabba f'hekk, qed issofri minn perkolazzjoni tal-ilma.

Illi permezz tar-Risposta tiegħu, l-Intimat jikkontesta t-Talba tar-Rikorrenti billi jgħid li huwa kien issuġerixxa lir-Rikorrenti li jkun aħjar li jsir xogħol ta' manutenzjoni ulterjuri apparti l-membrane iżda hija insistiet li trid tagħmel il-membrane biss. Jgħid ukoll li huwa kien offra li jirranġa "l-affarijiet li kienu nqalgħu" iżda r-Rikorrenti kienet irrifjutat għax riedet biss il-flus lura.

Illi mid-dokumenti prodotti mir-Rikorrenti waqt ix-xhieda tagħha, jidher ċar li l-proġett li għalih kien inkarigat l-Intimat kien jinvolvi xogħlijiet oħrajn apparti l-*membrane* u allura, dak li qed tilmenta fuqu ir-Rikorrenti permezz tat-Talba odjerna huwa biss parti mix-xogħol. Senjatament il-fattura informali li kien għaddielha l-Intimat tindika s-somma ta' sitt mitt Euro (€600) bħala dik il-parti mill-prezz globali li tkopri x-xogħlijiet tal-*membrane*.

Illi r-ritratti eżebiti mir-Rikorrenti jindikaw il-mod tista' tgħid ta' kafkaf kif sar ix-xogħol tal-membrane mill-Intimat u wkoll xeni ta' perkolazzjoni qawwija tal-ilma fir-residenza tagħha. L-awtentiċità ta' dawn ir-ritratti ġiet ikkonfermata bil-ġurament mir-Rikorrenti.

Illi fix-xhieda tagħha, ir-Rikorrenti tispjega li minħabba li x-xogħol kollu afdat lill-Intimat kien jinvolvi aktar minn *membrane*, u ankè bdil ta' saqaf, mhuwiex minnu li l-Intimat kien qalilha li biex il-*membrane* isisr sewwa, kien jinħtieġ li jsir xogħol ta' manutenzjoni ulterjuri. Tilmenta li baqa' qatt ma taha irċevuta fiskali tax-xogħol u għalhekk, ma setgħetx tibbenefika minn sussidju provdut mill-Awtorità tad-Djar. Tikkonkludi billi tgħid li biex illum sar mill-ġdid u sewwa x-xogħol tal-membrane, kellha tinkariga kumpanija oħra bi spiża ta' elf, erba mija u sebgħin Euro (€1,470).

Illi skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt in materja ta' adempjenza kuntrattwali, l-appaltatur, kif f'dan il-każ huwa l-Intimat, għandu jassikura li x-xogħol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b' mod li juri difetti jew li addirittura jiddanneġġju l-proprjetà tal-konsumatur. L-obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jeżegwixxi l-opra miftehma skond is-sengħa" (Kollez. Vol. XLI P II p 892). Dan fis-sens li "*l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (Kollez. Vol. XXVII P I p 374).

Illi għalhekk, dak li qed titlob ir-Rikorrenti jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tagħhabħala konsumatur għax hija, ladarba inkarigat persuna teknika sabiex tagħmel ix-xogħol, kellha kull dritt li tippretendi li dan ix-xogħol isir sewwa, skont l-arti u s-sengħa, u b'mod li jħalli riżultat utili.

Illi r-Rikorrenti ppreżentat ukoll stima magħmula mid-ditta Paul Target sabiex tiġi riparata l-għamra tal-kamra tas-sodda tagħha li ġiet danneġġjata minħabba l-perkolazzjoni tal-ilma. Din l-istima iġġib l-ammont totali ta' elf, sitt mija u seba u tmenin Euro u erbgħin ċentenżmu (€1,687.40). Tajjeb jingħad minn issa li dan il-prezz jeżorbita t-talba magħmula mir-Rikorrenti permezz ta' dawn il-proċeduri.

Illi l-Artikolu 1125 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li "kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkunikkuntratta, hu obbligat għad-danni" u għalhekk, l-Intimat għandu ukoll jirrispondi għall-ħsarat kaġunati fl-għamara tal-kamra tas-sodda tar-Rikorrenti in konsegwenza tal-perkolazzjoni tal-ilma mis-saqaf.

Illi wara li eżamina l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, speċjalment fil-kuntest tal-fatt li l-veżjoni mogħtija mir-Rikorrenti baqgħet inkontradetta minħabba li l-Intimat naqas milli jressaq provi, it-Tribunal iqis li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn ma għandux jilqa' t-talba tar-Rikorrenti.

Illi in kwantu ta' rimedju, fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-Partijiet iddeterjorat tant li mhuwiex idoneju li l-Intimat jirritorna fuq il-lok biex jagħmel xogħlijiet rimedjali huwa stess u *di più*, kif tixhed ir-Rikorrenti, illum inkarigat kuntrattur ieħor biex jagħmel ix-xogħol tal-*membrane* mill-ġdid.

Illi mill-provi jirriżulta li l-prezz miftiehem bejn il-Partijiet u attwalment imħallas għal xogħolijiet ta' *membrane* kien ta' sitt mitt Euro (€600) u li skomt l-istima prodotta, l-ispiża sabiex tissewwa l-għamara tal-kamra tas-sodda mgħarrqa bl-ilma huwa ta' elf, sitt mija u seba u tmenin Euro u erbgħin ċentenżmu (€1,687.40). Stante li t-talba kif promossa mir-Rikorrenti hija limitata għas-somma ta' elf Euro (€1,000) it-Tribunal ser jgħaddi biex jordna r-rifużjoni ta' din is-somma.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Deċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-Intimat sabiex iħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' elf Euro (€1,000).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-Intimat.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***